**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

L-Erbgħa 15 t'April 2020

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## AĠENDA Numru 12

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 12 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali kif ukoll permezz ta' ZOOM nhar l-Erbgħa 22 t'April 2020 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

## AĠENDA

12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
12.5 Rapporti;
12.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
12.7 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2020;
12.8 Aġġornament dwar l-immanniġġjar tat-Traffiku fi Triq San Mattew;
12.9 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Hniena;
12.10 Miżuri meħuda mill-Kunsill Lokali waqt il-pandemija tal-Covid-19;
12.11 Talbiet minn residenti fi Triq l-Iskola;
12.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
12.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-12-il Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa 22 t'April 2020 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u permezz ta' ZOOM u spiċċat fis-7pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (online) |
| Kunsilliera | Marion Parnis (online) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (online) |
| Kunsillier | Daniel Farrugia (online) |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri (online) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

*Importanti ninnutaw li għal din il-laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon biss kienu fiżikament preżenti fil-kamra tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku David Schembri, il-Viċi Sindku Patrick Bugeja, flimkien mal-Kunsillieri Marion Parnis, Charles Zerafa u Daniel Farrugia, u l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri ħadu sehem fil-laqgħa permezz ta' video conferencing. Dan sar minħabba l-pandemija tal-Covid-19 li ħakmet lil Malta u lid-dinja fl-aħħar xhur.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 12.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

12.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija x'tinqara.

## 12.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

12.2.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis xtaqet tagħmel addizzjoni ma' dak imniżżel fil-Minuti tal-11-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali f'Minuta 11.4.1.

12.2.1.1 Qalet li waqt li kienet għaddejja d-diskussjoni dwar il-flus tal-LC Care, hi kienet semmiet li għaddiet l-informazzjoni kollha relatata mal-cat feeders lill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

12.2.2 Il-Minuti tal-11-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja.

12.2.2.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 12.3, 12.4 u 12.5 jiġu diskussi wara Minuta 12.11 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 12.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

12.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol miexi sewwa u l-ħaddiema waqfu biss għal madwar ġimgħa minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-

pandemija tal-coronavirus.

12.6.2 Barra minn dan, qal li minħabba li hu bħalissa jinsab id-dar bħala prekawzjoni, qiegħed isibha ftit diffiċli sabiex imur fuq is-sit fejn qiegħed isir ix-xogħol.

## 12.7 AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRAJRU TAL-PATATA 2020

12.7.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li saret il-laqgħa tas-sotto kumitat online fit-2 t'April fejn fiha ġie deċiż li l-Festival Agrarju tal-Patata 2020 jiġi kkanċellat minħabba l-pandemija tal-coronavirus.

## 12.8 AĠĠORNAMENT DWAR L-IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FI TRIQ SAN MATTEW

12.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali saru t-tabelli u s-sinjal tal-immaniġġjar tat-traffiku, biss issa rridu nevalwaw jekk in-nuqqas ta' karozzi huwiex dovut għall-pandemija tal-coronavirus.

12.8.2 Qal li fadal biss isiru xi sinjali taż-żebgħa sabiex wieħed inaqqas il-veloċità.

12.8.3 Wara diskussjoni bejn is-Sindku u l-Viċi Sindku dwar binja li hemm fi Triq San Mattew kantuniera ma' Triq il-Bali Guarena, kien maqbul li ser inkellmu lill-Awtorità għall-Ippjanar sabiex tittieħed azzjoni minħabba struttura perikoluża.

## 12.9 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – HITAN TAS-SEJJIEH FIŻ-ŻONA TA' MISRAH IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-HNIENA

12.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li saret laqgħa fuq is-sit nhar it-Tlieta 21 t'April, ftit tal-minuti qabel inbeda uffiċjalment ix-xogħol.

12.9.2 Qal li għal-laqgħa kienu preżenti l-persuni li għandhom interess f'dan il-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

proġett, kemm min-naħa tal-Kunsill Lokali, min-naħa tal-kuntrattur, kif ukoll min-naħa tal-moniteraġġ tal-Heritage Superintendence.

12.9.3 Spjega kif mill-bieraħ inbdew ix-xogħolijiet, fejn inqala' biċċa mill-ħajt qrib il-Palazz Gutenberg, u għada filgħodu mistenni jingħata xi konkos ħafif bħala sodda, imbagħad jibda tiela' l-ħajt tas-sejjieħ.

12.9.4 Żied li ser nippruvaw biċċa li trid tkun approvata mill-Perit tal-Kunsill Lokali, mill-Awtorità għall-Ippjanar u mill-Heritage Superintendence qabel jitkomplew ix-xogħolijiet.

12.9.5 Huwa mistenni li x-xogħolijiet jitlestew f'erba' (4) xhur, jiġifieri jkun lest għall-ħabta t'Awwissu 2020.

## 12.10 MIŻURI MEĦUDA MILL-KUNSILL LOKALI WAQT IL-PANDEMIJA TAL-COVID-19

12.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali ħa diversi miżuri kemm fl-uffiċċju u anke fil-lokalità.

12.10.2 Qal li fl-ewwel ġimgħat li faqqgħet il-pandemija, il-Kunsill Lokali kien kiteb ittra lis-sidien tal-ħwienet, u anke tahom hand sanitizer kull wieħed sabiex ikunu jistgħu jużawh mal-konsumaturi.

12.10.3 Barra minn hekk, fl-ittra kien ħeġġeġ lis-sidien tal-ħwienet biex jew jaqdu lin-nies mill-bieb inkella jħallu biss numru limitat ta' persuni fil-ħanut.

12.10.4 Spjega kif bl-għajnuna tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfetħet il-paġna fuq FB, YouSafe Qrendi, u qal li jinsab ottimist li ħafna nies qed jirrikorru għal din il-paġna sabiex jieħdu informazzjoni dwar il-pandemija.

12.10.5 Is-Sindku wera s-sodisfazzjon tiegħu li l-Kunsillieri kollha qed jipparteċipaw f'din il-paġna, u wieħed jista' jgħid li kuljum qed jittellgħu posts differenti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

12.10.6 Apparti dan, huwa ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex jistiednu aktar ħbieb tagħhom ħalli jingħaqdu ma' dan il-grupp informattiv.

12.10.7 Fl-aħħar jiem saru wkoll ċrieki mal-art maġenb kull ħanut li jindikaw id-distanza li trid tinżamm bejn il-persuni huma u jistennew. Is-sinjali saru ma' kull ħanut li għandna fil-lokalità, l-ispiżeriji u l-bus stop li jinsab fi Triq Rokku Buhagiar.

12.10.8 Miżuri oħra li ħa l-Kunsill Lokali huma:

- Il-pubbliku ma tħalliex jidħol aktar fil-binja tal-Kunsill Lokali. Min ikollu bżonn l-għajnuna qiegħed jinqeda mill-intercom u l-impjegati jinżlu huma sabiex jaqdu lill-pubbliku;
- Ma baqgħux jiġu aċċettati muniti meta jsiru l-ħlasijiet tal-permessi u ċ-ċitazzjonijiet. Qed jintużaw metodi oħra ta' kif isiru l-ħlasijiet;
- Is-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsillieri kienu mħeġġa li jekk mhux għal xi bżonn, m'għandhomx għalfejn jersqu lejn il-binja tal-Kunsill Lokali, filwaqt li l-impjegati qed jaħdmu b'sistema ta' roster, fejn ġurnata jaħdmu mid-dar bit-teleworking u fil-ġurnata l-oħra jkunu fiżikament preżenti fl-uffiċċju;
- Il-ħaddiema tal-RSSL kienu mħeġġa li ma jersqux lejn il-binja tal-Kunsill Lokali u x-xogħol qiegħed jiġi assenjat lilhom bit-telefon, filwaqt li l-ħaddiema tal-CWS tnaqqsilhom il-ħin li jibqgħu fl-uffiċċju;
- Kull impjegat qiegħed jiġi pprovdut b'hand sanitizer, maskla u face shield, filwaqt li mal-bieb tal-Kunsill Lokali dejjem ikun hemm hand sanitizer.

## 12.11 <u>TALBIET MINN RESIDENTI FI TRIQ L-ISKOLA</u>

12.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li f'din it-triq għadha kif ittellgħet blokka bini u r-residenti li qed joqgħodu fiha jridu li ssir mera faċċata tal-bokka tal-garaxxijiet kif ukoll kaxxa safra ta' No Parking mal-ġenb tal-bokka.

12.11.2 Qal li s-suġġeriment tiegħu hu li jekk ir-residenti ta' din il-binja jridu li ssir mera, il-Kunsill Lokali għandu jawtorizzaha, imma l-flus għaliha

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

joħorġuhom bejniethom ir-residenti.

12.11.3 Dwar in-No Parking, is-Sindku qal li dan ma jistax isir jekk mhux lbl-approvazzjoni ta' Transport Malta. Il-Kunsill Lokali jista' jagħmel il-yellow lines, metru fuq kull naħa skont kif tgħid il-liġi.

12.11.4 Is-Sindku ppropona filwaqt li l-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 12.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

12.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li konna applikajna għall-Achievers Award, imma sfortunatament fl-aħħar ġimgħat irċevejna notifika li l-applikazzjoni tagħna ma kkwalifikatx għall-fondi.

12.3.2 Is-Sindku tkellem dwar għotja t'€10,000 minn SportMalta sabiex nagħmlu jiġu installati erba' makni t'apparat ta' gym fil-miftuħ fil-Ġnien tal-Warda.

12.3.2.1 Qal li fil-ġimgħat li ġejjin ser toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għaliex dan l-apparat irid jinxtara f'temp ta' tliet xhur.

12.3.3 Is-Sindku tkellem dwar xogħolijiet żgħar li qegħdin isiru mill-Ministeru għat-Turiżmu fil-lokalità tagħna.

12.3.3.1 Qal li s'issa diġà sar it-tindif fuq l-istatwa tar-ruħ li tinsab inti u dieħel il-Qrendi mid-direzzjoni tal-Imqabba.

12.3.3.2 Spjega kif issa jmiss li jsir it-tindif tal-istatwi ta' Santa Marija u l-Madonna ta' Lourdes li jinsabu fi Triq Rokku Buhagiar u Triq Antonio Chircop rispettivament.

12.3.3.3 Żied li hemm ukoll il-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja li għandha bżonn restawr pjuttost estensiv, u forsi ser tiġi tiswa ftit aktar milli ħsibna oriġinarjament.

12.3.3.4 Spjega kif il-Ministeru jixtieq jgħin ukoll f'xi restawr fil-Knisja Parrokjali imma dwar dan għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet mal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

awtoritajiet konċernati.

12.3.4 Is-Sindku tkellem dwar proposta mill-Ministeru għat-Turiżmu sabiex isir bandli żgħir għat-tfal fil-belveder ta' Wied iż-Żurrieq.

12.3.4.1 Qal li l-idea hi li forsi jkun hemm erba' (4) bandli żgħar, u qed ikun propost li jsiru fiż-żona qrib il-latrini pubbliċi li hemm f'Wied iż-Żurrieq.

12.3.4.2 Żied li probabbli l-lokazzjoni tal-bandli tiċċaqlaq xi ftit u tkun irtirata aktar 'il ġewwa.

## 12.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

12.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar aġġornament fuq it-tkomplija ta' Triq it-Tempesta.

12.4.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li l-Kunsill Lokali kien talab għal-laqgħa m'Infrastruttura Malta imma s'issa għadna bla tweġiba.

12.4.1.2 Spjega li fl-aħħar ġimgħat Qorti tat il-verdett tagħha dwar is-service roads li fadlilhom isiru u allura nistennew li fil-ġimgħat li ġejjin ix-xogħol jitkompla.

12.4.1.3 Żied li jridu jinqalgħu 15-il siġra li hemm qrib ir-roundabout tal-Qrendi, u jidher li dawn ser jinqalgħu nhar il-Ġimgħa li ġej, u ser jitħawlu fi Triq il-Karwija.

12.4.1.4 Qal li minħabba l-problemi li nqalgħu fix-xhur li għaddew fejn Infrastruttura Malta anke spiċċat il-Qorti, il-kuntrattur kellu jmur jagħmel xogħolijiet oħra u kien għalhekk li x-xogħol waqaf għalkollox.

12.4.1.5 Fl-aħħar nett qal li kull deni tista' tieħdu b'ġid, għaliex minħabba li x-xogħol waqaf, laħaq ġie mgħoddi l-cable mill-bypass tal-Imqabba, fejn mess anke parti żgħira mill-bypass tal-Qrendi u li issa ser jibqa' sejjer fi Triq l-Imqabba u Triq is-Siġġiewi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

12.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq is-Suq fejn xi residenti qed jgħidu li l-ilma tax-xita u ilma ieħor qed jaqa' quddiemhom.

12.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li qatt ma sema' b'ilmenti simili, imma bħalissa għaddej żvilupp sostanzjali f'dil-parti tat-triq u allura aħjar nistennew li jitlesta l-iżvilupp qabel nagħmlu xi intervent min-naħa tagħna.

12.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar il-proġett li semma' s-Sindku ftit qabel dwar il-bandli ta' Wied iż-Żurrieq.

12.4.3.1 Il-Kunsilliera Parnis ipproponiet li għandhom isiru tabelli sabiex avolja jkun hemm il-bandli, it-tfal m'għandhomx jitħallew waħedhom.

12.4.3.2 Is-Sindku wieġeb li l-bandli, jekk kemm-il darba jsiru, ser ikunu magħluqa fi struttura sabiex it-tfal ma jkunux jistgħu jaqbdu u joħorġu minnha.

12.4.3.3 Żied li probabbli ser ikun hemm oppożizzjoni qawwija mill-Awtorità għall-Ippjanar u l-ERA dwar dan l-iżvilupp, u allura hemm possibbiltà kbira li ma' jsir xejn.

12.4.4 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet dwar in-numri tal-bibien ta' barra fi Triq San Nikola, minħabba li hemm xi numri li huma l-istess.

12.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li Triq San Nikola diġà nqasmet fi tnejn u parti minnha sar jisimha Triq RAF Krendi, u jekk għad hemm min għandu l-istess numru, sinjal li għax ma nbidilx mir-resident partikolari.

12.4.4.2 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet dwar ilmenti ta' rimi ta' skart fi Triq il-Pirinej.

12.4.4.3 Qalet li mill-ilmenti li qed tirċievi, hemm xi persuni joqgħodu f'xi binja li mhux jagħtu kas kif għandu jinħareġ l-iskart u jaqbdu u joħorġuh x'ħin ikun.

12.4.4.4 Is-Sindku wieġeb li hemmhekk jidher li għandna problema, speċjalment meta fil-blokok imorru joqgħodu nies barranin li ma jkunx spjegat lilhom fi x'ħin u meta jridu jinħarġu l-boroż.

12.4.5 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet dwar id-doggy bins u jekk kienx hemm xi żvilupp fuqhom.

12.4.5.1 Is-Sindku wieġeb li fadlilna żewġ doggy bins x'inwaħħlu u qed nistennew lil tal-Koperattiva tat-Tabelli u s-Sinjali tat-Traffiku sabiex jgħinuna nwaħħlu l-ħadid ħalli imbagħad ikunu installati magħhom.

12.4.6 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament dwar l-isqaqien tal-lokal li konna ħadna deċiżjoni fuqhom is-sena li għaddiet.

12.4.6.1 Is-Sindku wieġeb li malli wasalna sabiex noħorġu l-works order lill-kuntrattur, dan ma riedx jaċċetta li jaħdem bir-rati antiki li kien fih it-tender minħabba li kienu għolew il-prezzijiet.

12.4.6.2 Żied li bħalissa qed naħdmu fuq dokument t' -tender sabiex jiġi ppubblikat fil-ġimgħat li ġejjin, u probabbli ser ikun speċifiku għal dawn l-isqaqien.

## 12.5 <u>RAPPORTI</u>

12.5.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa tkellem dwar il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u qal li dan il-Kunsill Lokali ltaqa' darba online.

12.5.1.1 Qal li ħarġu diversi proposti minn dan il-Kunsill, imma ħalla l-kelma f'idejn l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri.

12.5.2 L-Ambaxxatur qal li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ għandu l-idea li jsir tournament Esports, u forsi jingħata bidu għat-tim tal-Esports tal-lokalità.

12.5.2.1 Qal li qed jesploraw il-possibbilità li jsir tournament online f'dawn iż-żminijiet, imma hija aktar faċli li dan isir meta s-sitwazzjoni f'pajjiżna tirritorna lura għan-normal.

12.5.2.2 L-Ambaxxatur tkellem ukoll dwar Esports Hub li jista' jsir fil-Qrendi

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

sabiex persuni interessati f'dan l-isport ikunu jistgħu jużaw il-faċilitajiet.

## 12.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

12.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €58,676.53 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 04/20 u €91.91 skont il-*Petty Cash* Ref X/03.

12.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

12.12.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

12.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 12.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

12.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 20 ta' Mejju fil-5:30pm.

Jekk kemm-il darba s-sitwazzjoni tal-pandemija tal-coronavirus ser tibqa' l-istess f'pajjiżna, il-laqgħa ser titmexxa permezz ta' ZOOM.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |